MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Numru 579/2003

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Andre' Attard, iben Emanuel,
imwieled Attard fil-5 ta'
ġunju, 1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-19 ta' lulju, 2002 għal ħabta tas-2.30 p.m. ġewwa s-Salini, limiti tan-Naxxar volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CTD 001, liema ammonta ta' ħsara hu ta' aktar minn Lm50 iżda ma jeċċediex il-Lm500, għad-dannu ta' Caroline Debattista.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena skond il-liġi, biex tipprovdi għas-siġurta' ta' l-imsemmija Caroline Debattista flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Andre' Attard b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' marzu, 2004 fejn il-Qorti ġiet infurmat li d-danni huma ta' Lm100 u li l-imputat lest li jħallashom.  L-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.  Rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas Lm100 danni lil Caroline Debattista fi żmien sitt xhur mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għal applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------